MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 74/2013

**GO plc**

**vs**

**Nikki Janine Hobbs**
**(Passaport Brittanniku 2104410)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta’ elf, mija u erbgħin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€1140.61) rappreżentatnti ammont dovut in konnessjoni mas-servizzi ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 40148813*, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenuta skont l-annessi dokumenti.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta` attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta` attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi s-somma ta' elf, mija u erbgħin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€1140.61), bl-imgħax legali dekorribbli mill-21 ta' Novembru 2011, li hija d-data tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi numerata 4521/11, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċjali ċitata, huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------